

Għażiż/a Sinjur/a,

Qegħdin niktibulek fil-kariga tiegħek ta' debitur tariffarju reġistrat mal-[portal onlajn tat-tariffi superviżorji](#) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

Nixtiequ ngħarrfuk li l-BĊE dan l-aħħar aġġorna t-[taqsima Tariffi superviżorji](#) tas-sit tas-Superviżjoni bankarja. Fiha tagħrif siewi bil-lingwi kollha tal-UE fuq affarijiet bħal:

- (i) proċedura biex jintbagħtu l-fatturi tariffarji (*fee factors*): id-debituri tariffarji issa jistgħu jniżżlu l-formola b'format Excel sabiex jibagħtu l-fatturi tariffarji tagħhom lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs), kif ukoll l-istruzzjonijiet li ġew aġġornati f'April 2016 biex tintela din il-formola;
- (ii) ammont totali ta' tariffi annwali: fit-28 ta' April 2016 il-BĊE ppubblika d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ammont totali tat-tariffi superviżorji annwali għall-2016;
- (iii) qafas legali għat-tariffi superviżorji, fosthom ir-[Regolament tal-BĊE dwar it-tariffi superviżorji](#) u d-[Deċiżjoni tal-BĊE dwar il-fatturi tariffarji](#);
- (iv) dettalji fuq il-ħruġ tal-avviżi tariffarji u tagħrif li għandu x'jaqsam mal-ħlas.

Nixtiequ nieħdu din l-opportunità biex infakkruk fid-dati ta' skadenza importanti fejn jidħlu t-tariffi superviżorji tal-BĊE:

Sal-1 ta' Lulju 2016 id-debituri tariffarji għandhom jibagħtu t-tagħrif fuq il-fatturi tariffarji tagħhom lill-NCAs billi jużaw jew il-formoli PDF annessi mad-Deċiżjoni tal-BĊE dwar il-fatturi tariffarji jew il-formola b'format Excel imsemmija fil-punt (i) iżjed 'il fuq. Id-debituri tariffarji għandhom jibagħtu l-fatturi tariffarji bid-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru 2015.

Jekk tixtieq taġġorna d-dettalji ta' kuntatt tiegħek qabel ma jiġu kalkulati t-tariffi superviżorji għall-perjodu tariffarju 2016, dan għandek tagħmlu sal-1 ta' Lulju 2016 permezz tal-portal onlajn bil-link li tidher iżjed 'il fuq.

Huwa importanti ferm li żżomm id-dettalji ta' kuntatt aġġornati, b'mod partikolari l-indirizz tal-*email*, billi l-BĊE jikkomunika mad-debituri tariffarji primarjament b'dan il-mezz. Meta tiċċekkja d-dettalji ta' kuntatt, tista' wkoll tivverifika, iddaħħal jew taġġorna d-dettalji tal-metodu ta' ħlas (in-numru IBAN u l-kodiċi BIC) jekk tkun trid li t-tariffi superviżorji jiġu debitati direttament mill-BĊE.

Il-gruppi taħt superviżjoni li jkunu jridu jinnominaw debitur tariffarju ieħor jew li jkollhom bżonn jaġġornaw il-formola tan-nomina ta' debitur tariffarju li ntbagħtet lill-BĊE (e.g. minħabba bidla fil-kompożizzjoni tal-grupp) għandhom sal-1 ta' Lulju 2016 biex jagħmlu dan. M'hemmx bżonn tintbagħat il-formola jekk l-istruttura tal-grupp taħt superviżjoni ma tinbidilx jew jekk id-debitur tariffarju nominat ikompli jaġixxi f'isem il-grupp taħt superviżjoni fil-perjodu tat-tariffa superviżorja li jmiss.

Bħas-sena l-oħra, id-dejta tal-fatturi tariffarji mibgħuta lill-NCA tagħkom se tkun disponibbli għar-reviżjoni tiegħek, fil-kariga ta' debitur tariffarju, għall-aħħar ta' Lulju jew il-bidu ta' Awwissu, qabel ma tiġi kunsidrata fil-kalkolu tat-tariffi individwali għall-2016. Ikkollok ħamest ijiem tax-xogħol biex tagħmel il-kummenti tiegħek fuq id-dejta tal-fatturi tariffarji għall-entità tiegħek fil-każ li tqis li d-dejta ma tkunx korretta. Iżjed 'il quddiem se tirċievi l-avviż tat-tariffa superviżorja tal-BĊE b'mod elettroniku. Għall-konvenjenza tiegħek, se tirċievi notifikasi bil-posta elettronika meta l-fatturi tariffarji u l-avviż tariffarju tiegħek ikunu disponibbli fil-portal. Għalhekk inħeġġuk tivverifika minn qabel li l-kredenzjali tiegħek għall-portal għadhom validi. Fil-każ li jkollok problemi bit-teknoloġija tal-informatika (IT), bħal nuqqas ta' awtorizzazzjoni jew tiskadilek il-*password*, ikteb lil [SSM.SupervisoryFees@ecb.europa.eu](mailto:SSM.SupervisoryFees@ecb.europa.eu).

Jekk ikollok mistoqsijiet fuq l-obbligi tiegħek jew fuq kwistjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi, il-BĊE huwa lest jagħtik l-għajnuna meħtieġa permezz tal-posta elettronika ([SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu](mailto:SSM-fee-enquiries@ecb.europa.eu)) jew bit-telefon (+49 69 1344 4690). Barra minn hekk, is-sit [tas-Superviżjoni bankarja tal-BĊE](#) għandu taqsima jismha [Mistoqsijiet komuni \(FAQs\)](#) għad-dispożizzjoni tiegħek.

Tislijiet,

It-tim tal-BĊE – Mistoqsijiet fuq it-tariffi tal-MSU